

Brussell, 12 ta' Diċembru 2024
(OR. en)

16820/24

CT 128
ENFOPOL 523
COTER 250
JAI 1859

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
fi:	12 ta' Diċembru 2024
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.: 16020/24	
Suġġett:	Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar prijoritajiet futuri għat-tisħiħ tal-isforzi konġunti tal-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha kontra t-terroriżmu – Konklużjonijiet tal-Kunsill (12 ta' Diċembru 2024)

Id-delegazzjonijiet isibu fl-anness il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar prijoritajiet futuri għat-tisħiħ tal-isforzi konġunti tal-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha kontra t-terroriżmu, approvati mill-Kunsill (Ġustizzja u Affarijiet Interni) fl-4068 laqgħa tiegħu li saret fit-12 ta' Diċembru 2024.

Konklużjonijiet tal-Kunsill**dwar****prijoritajiet futuri għat-tisħiħ tal-isforzi konġunti tal-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri
tagħha kontra t-terroriżmu****Introduzzjoni**

- a) It-terroriżmu u l-estremiżmu vjolenti, kif ukoll ir-radikalizzazzjoni, ikomplu jkunu ta' theddida sinifikanti għall-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, u għalhekk il-ġlieda kontra t-terroriżmu u l-isforzi preventivi għandhom jibqgħu prijorità għolja.
- b) Avvenimenti interni u esterni destabbilizzanti, bħall-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna u l-kunflitt li għaddej fil-Lvant Nofsani, żiedu l-livell ta' theddid tat-terroriżmu f'xi Stati Membri u kkontribwew għall-intensifikazzjoni tar-radikalizzazzjoni u l-polarizzazzjoni soċjali, li potenzjalment iwasslu għal terroriżmu u estremiżmu vjolenti madwar l-Unjoni.
- c) It-theddida tat-terroriżmu hija aktar kumplessa minn qatt qabel u hija xprunata minn diversi fatturi. Dawn jinkludu r-riskju maħluq minn atturi waħedhom, iż-żieda fil-projezzjoni ta' theddid estern tal-Istat Iżlamiku, inkluż il-fergħa tiegħu tal-Provinċja ta' Khorasan (ISKP), l-użu ta' teknoloġiji ġodda minn gruppi u atturi terroristiċi, it-tkabbir ta' movimenti estremisti vjolenti kontra s-sistema mhux attribwiti għal ideoloġiji speċifiċi u ċ-ċajpir ta' ideoloġiji li jwassal għal taħlita ta' twemmin suxxettibbli għall-vjolenza. It-terroriżmu ġiħadista jibqa' l-aktar theddida prominenti għall-Unjoni Ewropea, filwaqt li t-theddida mill-estremiżmu vjolenti tal-lemin għadha f'livell għoli f'xi Stati Membri.
- d) Ir-radikalizzazzjoni, li għaliha l-ispazju online jaqdi rwol importanti, tibqa' ta' tħassib ewlieni b'mod partikolari fost il-minorenni, peress li dan jippermetti t-tixrid rapidu ta' kontenut terroristiku u jkattar il-polarizzazzjoni soċjali li tista' tiġi aggravata mill-manipulazzjoni tal-informazzjoni u interferenza minn barranin (FIMI), inkluż attivitajiet ta' diżinformazzjoni minn atturi statali u mhux statali.

- e) Irridu nkomplu bl-isforzi preventivi mmirati lejn l-appoġġ tal-atturi u l-prattikanti lokali, it-tisħiħ tar-reżiljenza tal-komunità għar-radikalizzazzjoni, u ż-żieda fil-kollaborazzjoni mal-istituzzjonijiet edukattivi, il-komunitajiet u l-gruppi ta' twemmin. Jibqa' importanti li tiġi miġġielda r-radikalizzazzjoni fil-ħabsijiet, speċjalment l-indirizzar tar-riskji relatati mal-ħelsien ta' ħabsin radikalizzati u dawk ikkundannati għal reati terroristiċi. Barra minn hekk, huwa kruċjali li jiġi żgurat li l-fondi nazzjonali u Ewropej ma jappoġġawx b'mod involontarju lill-individwi u lill-organizzazzjonijiet li jseguw aġenda illegali jew jippromwovu valuri inkompatibbli ma' dawk minquxa fl-Artikolu 2 TUE tal-Unjoni Ewropea.
- f) Għad hemm tħassib li għellieda terroristi barranin suspettati minn pajjiżi terzi u individwi marbuta ma' gruppi terroristiċi jistgħu jisfruttaw il-flussi migratorji biex jidħlu fl-Unjoni Ewropea. Saru sforzi kbar biex tissaħħaħ id-detezzjoni u jittejbu l-iskambju tal-informazzjoni u l-kontrolli fil-fruntieri esterni. Madankollu, l-Istati Membri jridu jkomplu bl-isforzi tagħhom biex jikxfu u jipprevjenu d-dħul u l-moviment ta' tali individwi fit-territorju tal-UE.
- g) Fl-istess ħin, ir-ritorn ta' nazzjonali ta' pajjiżi terzi li huma ta' theddida għas-sigurtà u b'soġġorn illegali fl-UE jibqa' sfida sinifikanti u l-preżenza kontinwa tagħhom fl-UE tippreżenta riskju kontinwu għas-sigurtà. Għalhekk huwa kruċjali li jiġi żgurat ir-ritorn effiċjenti u rapidu ta' persuni li ma għandhomx, jew li m'għadx għandhom, id-dritt ta' soġġorn u li jirrappreżentaw theddida għas-sigurtà. Barra minn hekk, jeħtieġ li nkomplu nesploraw soluzzjonijiet biex nindirizzaw it-theddida għas-sigurtà ppreżentata minn individwi li ma jistgħux jintbagħtu lura lejn il-pajjiż ta' oriġini tagħhom minħabba l-prinċipju ta' non-refoulement, f'konformità sħiħa mad-dritt applikabbli tal-UE u d-dritt internazzjonali.
- h) Matul dawn l-aħħar ħames snin sar progress tajjeb fil-qasam tal-ġlieda kontra t-terroriżmu u l-estremiżmu vjolenti, u l-prevenzjoni tar-radikalizzazzjoni, filwaqt li l-Aġenda tal-UE Kontra t-Terroriżmu tal-Kummissjoni ġiet implimentata b'mod effettiv. Sar ukoll progress f'politiki u inizjattivi ta' sigurtà interna rilevanti oħra li jiffaċilitaw il-ħidma tal-awtoritajiet tal-ġlieda kontra t-terroriżmu, bħall-iskambju mtejjeb ta' informazzjoni.

- i) Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill adottati f'dawn l-aħħar snin¹ għadhom rilevanti ħafna u għandhom jiġu implimentati bis-siġħ. Flimkien mal-valutazzjonijiet tat-theddid ta' kull sitt xhur tal-UE fil-qasam tal-ġlieda kontra t-terroriżmu, dawn ikomplu jipprovdu qafas komprensiv għall-azzjoni.

Kunsiderazzjonijiet ġenerali:

1. L-Istati Membri jibqgħu impenjati fil-ġlieda kontra t-terroriżmu u l-estremiżmu vjolenti fil-forom u l-manifestazzjonijiet kollha tagħhom biex jiżguraw is-sigurtà u s-sikurezza taċ-ċittadini tagħhom, filwaqt li jirrispettaw il-valuri tad-demokrazija, id-drittijiet fundamentali, u l-istat tad-dritt. L-Istati Membri, il-Kummissjoni u l-aġenziji tal-UE lkoll qed jaħdmu b'mod diliġenti biex isaħħu r-reżiljenza tal-Unjoni kontra t-terroriżmu u l-estremiżmu vjolenti u għandhom ikomplu jaħdmu fuq azzjonijiet kollettivi u jsaħħu l-kooperazzjoni tagħhom.
2. B'mod parallel għal dan is-sett ta' konklużjonijiet, il-Kunsill ser jadotta Konklużjonijiet dwar it-tisħiħ tal-konnessjonijiet esterni u interni fil-ġlieda kontra t-terroriżmu u l-estremiżmu vjolenti. F'dan il-kuntest huwa mfakkar li f'Diċembru 2020 il-Kunsill Ewropew afferma mill-ġdid ir-rwol tal-Koordinatur tal-UE għall-Ġlieda Kontra t-Terroriżmu (CTC tal-UE). Is-CTC tal-UE għandu rwol ewlieni fil-koordinazzjoni tal-ħidma kontra t-terroriżmu fl-Unjoni, fit-tisħiħ tar-relazzjonijiet tal-Unjoni kontra t-terroriżmu ma' pajjiżi terzi u fit-tisħiħ tar-rabtiet bejn l-aspetti interni u esterni tal-isforzi tal-ġlieda kontra t-terroriżmu. Is-CTC tal-UE għandu wkoll il-kompitu li jagħmel segwitu tal-implimentazzjoni tal-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-ġlieda kontra t-terroriżmu.
3. Sabiex ikun hemm rispons effettiv għax-xenarju ta' theddid li qed jevolvi, u fid-dawl taċ-ċiklu istituzzjonali l-ġdid u r-rieżami tal-qafas strateġiku tal-UE dwar is-sigurtà interna, hemm bżonn li l-istrateġija tal-Unjoni Ewropea kontra t-terroriżmu tiġi adattata u msaħħa aktar flimkien mal-Istati Membri. Il-Kunsill għalhekk jilqa' l-fatt li l-linji gwida politiċi għall-mandat tal-Kummissjoni l-ġdida jenfasizzaw il-ħtieġa għal Aġenda ġdida tal-UE għall-Prevenzjoni u l-Ġlieda Kontra t-Terroriżmu u l-Estremiżmu Vjolenti biex jiġi indirizzat theddid ġdid u emerġenti.

¹ 9997/22; 16335/23; 16336/23.

4. F'dan is-sett ta' Konklużjonijiet, il-Kunsill jenfasizza oqsma ewlenin fejn huma meħtieġa aktar sforzi biex tissaħħaħ l-effiċjenza operazzjonali, u jistabbilixxi għanijiet strateġiċi. L-għan huwa li jitfasslu l-politiki u l-miżuri tal-UE kontra t-terroriżmu, inkluż fil-qasam tal-prevenzjoni, għall-ħames snin li ġejjin.

I. Rekwiżiti ta' politika orizzontali li jikkontribwixxu għal livell għoli ta' sigurtà interna u l-effettività tal-miżuri kontra t-terroriżmu

5. Filwaqt li jiġi rrispettat il-fatt li s-sigurtà nazzjonali tibqa' r-responsabbiltà unika ta' kull Stat Membru, huwa meħtieġ approċċ Ewropew komprensiv u kkoordinat li jmur lil hinn mill-oqsma ta' politika individwali u li jintegra l-prinċipji ġenerali biex jiġu miġġielda b'mod effettiv it-terroriżmu u l-estremiżmu vjolenti. Għandhom jiġu esplorati aktar sinerġiji bejn il-Grupp ta' Ħidma dwar it-Terroriżmu (TWP) u korpi preparatorji oħra tal-Kunsill, b'mod partikolari l-Grupp ta' Ħidma dwar it-Terroriżmu (Aspetti Internazzjonali, COTER) u l-Grupp ta' Ħidma dwar miżuri restrittivi għall-ġlieda kontra t-terroriżmu (COMET), biex tiġi indirizzata t-theddida tat-terroriżmu b'mod olistiku, filwaqt li jiġu rrispettati l-mandat u l-fokus speċifiku tat-TWP.
6. Neħtieġu approċċ bilanċjat li jissalvagwardja d-drittijiet fundamentali kollha, inkluż id-dritt taċ-ċittadini Ewropej kemm għas-sigurtà kif ukoll għall-privatezza. Għal dan l-għan, jeħtieġ li namlifikaw il-vuċi tal-komunità tal-ġlieda kontra t-terroriżmu u tas-sigurtà interna fdata bil-protezzjoni tas-soċjetà tagħna billi nippromwovu narrattiva pożittiva li tenfasizza l-ħtiġijiet operazzjonali leġittimi tagħhom.
7. L-aċċess legali għad-data u ż-żamma tagħha, inkluż soluzzjonijiet legalment u teknikament sodi għall-aċċess għall-komunikazzjoni elettronika f'format li jinqara, huwa essenzjali għad-detezzjoni, il-prevenzjoni, l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni b'suċċess ta' attivitajiet terroristiċi. Għalhekk, l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi u tal-ġlieda kontra t-terroriżmu jrid ikollhom il-kapaċità li jaċċessaw id-data diġitali b'mod effettiv b'rispett sħiħ tad-drittijiet fundamentali u l-liġijiet rilevanti dwar il-protezzjoni tad-data, filwaqt li jirrispettaw il-prinċipji tan-neċessità, tal-proporzjonalità u tas-sussidjarjetà u mingħajr ma jdgħajfu b'mod ġenerali l-kriptaġġ li huwa rikonoxxut bħala mezz importanti għall-protezzjoni taċ-ċibersigurtà tal-gvernijiet, tal-industrija u tas-soċjetà.

8. Huwa vitali li l-fornituri tas-servizzi tal-komunikazzjoni jikkonformaw bis-sħiħ mat-talbiet legali relatati mal-aċċess legali għad-data mill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi u tal-ġlieda kontra t-terroriżmu f'konformità mal-obbligi legali applikabbli. Barra minn hekk, huwa essenzjali li l-fornituri tat-teknoloġija u l-fornituri tas-servizzi tal-komunikazzjoni jkunu involuti mal-awtoritajiet meta jiżviluppaw u japplikaw teknoloġiji u servizzi ġodda.
9. L-awtoritajiet tal-ġlieda kontra t-terroriżmu u dawk ġudizzjarji għandhom jiġu appoġġati fl-isforzi tagħhom biex jiġġieldu t-terroriżmu u l-estremiżmu vjolenti, inkluż permezz tat-taħriġ, it-tisħiħ tal-kapaċitajiet, u l-forniment ta' riżorsi xierqa. L-allokazzjoni flessibbli u l-użu effettiv tal-finanzjament tal-UE jistgħu jsaħħu dawn l-isforzi b'mod sinifikanti mingħajr ma s-sett attwali ta' konklużjonijiet jippreġudika l-qafas finanzjarju pluriennali futur.
10. L-investiment fir-riċerka u l-innovazzjoni fis-sigurtà li jappoġġa l-isforzi kontra t-terroriżmu, inkluż it-trawwim ta' soluzzjonijiet innovattivi fil-ġestjoni tal-fruntieri, l-ġhodod tal-IA, l-analitika tal-big data, it-teknoloġiji tad-dekriptaġġ, l-analiżijiet tad-data bijometrika u l-ġhodod forensiċi diġitali, huwa kruċjali għall-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi u tal-ġlieda kontra t-terroriżmu biex ilaħħqu mat-teknoloġiji li qed jevolvu malajr.
11. Il-valutazzjoni u l-briefings miċ-Ċentru tal-Intelligence u tas-Sitwazzjonijiet tal-UE (INTCEN), ibbażati fuq intelligence strateġika mill-Istati Membri kif ukoll l-analiżijiet tal-Europol, għandhom jitqiesu meta jiġu fformulati politiki u miżuri kontra t-terroriżmu biex jiġi indirizzat b'mod effettiv ix-xenarju ta' theddid li qed jevolvi. Sabiex jitrawwem għarfien tas-sitwazzjoni bbażat fuq l-intelligence, jibqa' importanti li tissaħħaħ il-Kapaċità Unika ta' Analiżi tal-Intelligence tal-UE billi jissaħħu r-riżorsi u l-kapaċitajiet tagħha f'konformità mal-oġettivi tal-Boxxla Strateġika.

12. Il-finanzjament tat-terroriżmu joħloq theddida kritika u sistemika għas-sigurtà billi jippermetti lill-gruppi jirreklutaw, jippjanaw, jitħarrġu u jwettqu attakki. Il-fondi miġbura fl-Ewropa ma jintużawx biss direttament fl-Ewropa iżda jintbagħtu wkoll lil organizzazzjonijiet terroristiċi barra mill-pajjiż biex jgħinuhom issaħħu l-kapaċitajiet biex iwettqu attakki fit-territorju Ewropew. It-teknoloġiji diġitali, bħall-assi virtwali u l-pjattaformi online, qed jiġu sfruttati dejjem aktar għal dan l-għan, filwaqt li l-metodi ta' finanzjament tradizzjonali, bħall-pagamenti fi flus kontanti u l-hawala, għadhom jintużaw b'mod mifrux u huma diffiċli biex jiġu ttraċċati. Barra minn hekk, l-organizzazzjonijiet terroristiċi qed jisfruttaw dejjem aktar il-kunflitti esterni biex jiġbru fondi fl-UE wkoll, filwaqt li jaħbu l-intenzjonijiet vjolenti tagħhom bl-iskuża ta' attivitajiet ta' karità. Għalhekk, il-kapaċità tal-Istati Membri li jidentifikaw, jittraċċaw, jinvestigaw u jagħmlu prosekuzzjoni b'suċċess il-finanzjament tat-terroriżmu kif ukoll li jiffriżaw u jissekwestraw tali fondi u assi trid tissaħħaħ u tiġi appoġġata. Huwa importanti wkoll li jissaħħu s-sħubijiet pubbliċi-privati mal-partijiet ikkonċernati rilevanti biex ikun jista' jsir aċċess aħjar għall-informazzjoni finanzjarja.
13. Fl-istess ħin, huma meħtieġa sforzi konġunti biex jiġu limitati l-mezzi finanzjarji tal-gruppi u l-atturi, inkluż il-forom kollha ta' gruppi estremisti vjolenti, li jippromwovu r-radikalizzazzjoni, il-mibegħda jew valuri li jmorru kontra dawk minquxa fl-Artikolu 2 TUE. Dan jinkludi azzjonijiet kontra finanzjament barrani mhux mixtieq. Il-ħidma li għaddejja fil-Forum tal-UE dwar l-Internet u l-inizjattivi pubbliċi-privati globali kontra t-terroriżmu huma importanti wkoll sabiex jiġi miġġieled il-finanzjament online ta' tali gruppi u atturi.
14. L-isforzi biex it-terroristi u l-estremisti vjolenti ma jitħallewx jaċċessaw armi tan-nar, splussivi, u materjali CBRN (kimiku, bijoloġiku, radjoloġiku u nukleari), u l-isforzi biex jiġi miġġieled l-użu malizzjuż tad-droni, iridu jkomplu. Dan jinkludi l-għeluq tal-lakuni potenzjali li fadal fil-qafas regolatorju u l-implimentazzjoni tiegħu; it-titjib tal-kapaċità ta' detezzjoni tal-Istati Membri; u l-indirizzar tal-isfidi ppreżentati mit-teknoloġiji emerġenti, bħall-istampar 3D. Il-kooperazzjoni kontinwa mal-Ukrajna u l-Balkani tal-Punent hija vitali biex jittrażzan it-traffikar tal-armi tan-nar lejn l-Unjoni.

F'dan il-kuntest, il-KUNSILL jistieden lill-ISTATI MEMBRI:

15. isaħħu l-kapaċitajiet ta' tħejjija u rispons tagħhom fir-rigward ta' attacchi terroristiċi u estremisti vjolenti potenzjali. Dan jista' jsir permezz ta' eżerċizzji regolari, kooperazzjoni mill-qrib, u l-kondiviżjoni tal-aħjar prattiki, kif ukoll billi jiżdied l-involvement tal-awtoritajiet tal-ġlieda kontra t-terroriżmu fil-Pjattaforma Multidixxiplinari Ewropea Kontra t-Theddid Kriminali (EMPACT), kif xieraq;
16. ikompli jallokaw riżorsi xierqa għar-riċerka u l-innovazzjoni fil-qasam tal-ġlieda kontra t-terroriżmu u tal-infurzar tal-liġi u jipprovdu għarfien espert għaċ-Ċentru Ewropew tal-Innovazzjoni għas-Sigurtà Interna.

u jistieden lill-Kummissjoni:

17. tiżgura l-appoġġ meħtieġ għall-aġenziji u n-networks tas-sigurtà interna, b'mod partikolari ċ-Ċentru Ewropew għall-Ġlieda Kontra t-Terroriżmu (ECTC) tal-Europol, il-Proġett ta' Analiżi tal-Europol dwar l-Armi u l-Isplussivi, iċ-Ċentru ta' Innovazzjoni tal-UE u n-network ATLAS. L-għan huwa li dawn ikunu jistgħu jżidu u jfasslu l-assistenza u l-appoġġ operazzjonali tagħhom biex jissodisfaw il-ħtiġijiet speċifiċi tal-Istati Membri;
18. talloka l-finanzjament xieraq ta' riċerka għal proġetti relatati mas-sigurtà interna, b'enfasi partikolari fuq l-indirizzar tal-ħtiġijiet speċifiċi tal-awtoritajiet tal-ġlieda kontra t-terroriżmu u l-appoġġ għall-adozzjoni u l-użu ta' soluzzjonijiet innovattivi;
19. issaħħaħ id-djalogu tagħha mal-pjattaformi online u tiżviluppa approċċ effettiv għall-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet tal-Grupp ta' Livell Għoli dwar l-Aċċess għad-Data għal Infurzar Effettiv tal-Liġi li jindirizzaw il-ħtiġijiet tal-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi li jaċċessaw il-komunikazzjonijiet elettroniki sabiex ikunu jistgħu jwettqu l-kompiti tagħhom b'mod effettiv u legali u, b'rispett sħiħ tad-drittijiet fundamentali, jipprevjenu, jidentifikaw u jinvestigaw reati kriminali;

20. tiżviluppa strateġija komprensiva għall-prevenzjoni u l-ġlieda kontra t-terroriżmu u l-estremiżmu vjolenti billi tqis l-oqsma ta' intervent ewlenin u l-miżuri ssuġġeriti elenkati f'dawn il-Konklużjonijiet, kif ukoll billi tmexxi 'l quddiem l-inizjattivi mressqa mill-Konklużjonijiet reċenti tal-Kunsill. Din il-ħidma jeħtieġ li ssir f'kollaborazzjoni mal-Istati Membri u permezz tal-istrateġija l-ġdida għas-sigurtà interna u l-Aġenda tal-UE għall-Prevenzjoni u l-Ġlieda Kontra t-Terroriżmu u l-Estremiżmu Vjolenti.

u jistieden lill-KUMMISSJONI u lill-ISTATI MEMBRI:

21. jirriflettu dwar it-triq 'il quddiem fir-rigward ta' oqfsa għal miżuri amministrattivi dwar movimenti ta' kapital u pagamenti bħall-iffriżar ta' fondi, assi finanzjarji jew qligħ ekonomiku biex jiġi limitat il-finanzjament tat-terroriżmu u l-estremiżmu vjolenti fil-forom kollha tagħhom, b'mod konsistenti mal-oġettivi stipulati fil-paragrafi 12 u 13.

II. Oqsma ewlenin ta' intervent għat-tisħiħ tal-isforzi kontra t-terroriżmu

i) Skambju ta' informazzjoni

22. Huwa essenzjali li jissaħħa u jittejjeb id-dħul ta' informazzjoni fil-bażijiet ta' data Ewropej, bl-akbar użu possibbli, b'mod partikolari, tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (SIS), iżda wkoll tas-Sistema ta' Informazzjoni tal-Europol (EIS) u l-Proġetti ta' Analiżi tal-Europol, u l-bażijiet ta' data tal-Interpol, f'konformità mal-liġi applikabbli tal-UE u dik nazzjonali. Dawn l-għodod huma essenzjali fl-appoġġ lill-Istati Membri biex jidentifikaw u jimmonitorjaw individwi li huma ta' theddida terroristika u għandhom jiġu ottimizzati kontinwament.
23. L-awtoritajiet tal-ġlieda kontra t-terroriżmu jeħtieġ li jkollhom il-kapaċità meħtieġa biex jużaw bis-sħiħ l-għodod għall-iskambju ta' informazzjoni, il-bażijiet ta' data, u l-interoperabbiltà tagħhom. Għaldaqstant, huwa kruċjali li dawn l-awtoritajiet jiġu appoġġati biex jibnu l-kapaċitajiet, l-għarfien u l-aħjar prattiki meħtieġa biex jiġi żgurat l-użu effiċjenti u effettiv ta' dawn ir-riżorsi fil-ħidma operazzjonali tagħhom.

24. Il-ħidma li saret biex jiġi promoss fehim kondiviż fost l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi tal-Istati Membri tal-UE, abbażi ta' kriterji mhux vinkolanti, li bihom jiġu evalwati mill-Istati Membri individwali persuni li joħolqu theddida terroristika jew estremista vjolenti, bil-ħsieb li din l-informazzjoni tiġi inkluża fil-bażijiet ta' data Ewropej, hija pass 'il quddiem, mingħajr ma jiġu affettwati l-liġijiet nazzjonali differenti f'dan ir-rigward.
25. Huwa importanti li jsir użu sħiħ mill-mandat tal-Europol billi jiġu ffinalizzati u konklużi ftehimiet internazzjonali ġodda li jiffaċilitaw l-iskambju ta' data personali bejn il-Europol u partijiet terzi ta' prijorità. Fin-nuqqas ta' ftehimiet bħal dawn, f'sitwazzjonijiet ta' periklu imminenti u skont il-każ, b'rispett sħiħ tal-liġi applikabbli tal-UE, jibqa' importanti ħafna li jkun jista' jsir skambju rapidu ta' data personali.
26. Bil-ħsieb li jiġu eżaminati l-opzjonijiet tal-użu tad-data tal-vjaġġaturi li jużaw it-trasport bil-baħar u fuq l-art għall-finijiet tal-infurzar tal-liġi, il-Kunsill jistenna b'interess il-preżentazzjoni mill-Kummissjoni tal-istudju ta' fattibbiltà tagħha dwar l-armonizzazzjoni tal-obbligi ta' rappurtar.

F'dan il-kuntest, il-KUNSILL jistieden lill-ISTATI MEMBRI:

27. idaħħlu d-data kollha disponibbli dwar individwi li huma ta' theddida terroristika fil-bażijiet ta' data u s-sistemi ta' informazzjoni Ewropej rilevanti u jagħmlu użu sħiħ mill-possibbiltà li jiddaħħlu allerti relatati mat-terroriżmu fis-SIS, f'konformità mal-liġi tal-UE u dik nazzjonali u sakemm kunsiderazzjonijiet legali jew operazzjonali ma jiddettawx mod ieħor.

jistieden lill-KUMMISSJONI:

28. tippreżenta t-triq 'il quddiem, wara l-evalwazzjoni li jmiss tas-SIS u b'kunsiderazzjoni xierqa tal-fattibbiltà u l-proporzjonalità, fir-rigward tal-introduzzjoni ta' proċedura post-hit għall-għellieda terroristi barranin irreġistrati fis-SIS, abbażi tal-akkoljenza volontarja ta' notifikati ta' hit, sabiex jittejjeb l-iskambju ta' informazzjoni.

u jistieden lill-KUMMISSJONI u lill-ISTATI MEMBRI:

29. filwaqt li jqisu s-sejbiet tal-istudju ta' fattibbiltà li jmiss, u l-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, jirriflettu aktar dwar kif il-ġbir ta' data mill-vjaġġaturi li jużaw it-trasport fuq l-art u marittimu jista' jintuża u jiġi integrat bl-aħjar mod fil-prattiki ta' skambju ta' informazzjoni.

u jistieden lill-KUMMISSJONI:

30. fid-dawl tas-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-21 ta' Ġunju 2022 fil-kawża (C 817/19), tevalwa l-implimentazzjoni tad-Direttiva 2016/681 ("id-Direttiva dwar il-PNR").
- ii) L-identifikazzjoni u l-prevenzjoni tal-infiltrazzjoni ta' persuni li huma ta' theddida terroristika
31. Hemm bżonn li jiġu żgurati kontroll u sigurtà robusti fil-fruntieri, inkluż verifiki sistematiċi tal-vjaġġaturi kollha ma' bażijiet ta' data rilevanti fil-fruntieri esterni tal-Unjoni Ewropea, bl-użu ta' data bijometrika u teknoloġiji oħra disponibbli biex jiġi prevenut id-dħul mhux mikxuf ta' individwi li huma ta' theddida terroristika fit-territorju tal-UE. Dawn l-isforzi ser itejbu s-sigurtà ġenerali tal-Unjoni.
32. Għal dak l-għan, jeħtieġ li tissaħħaħ il-kapaċità ġenerali tal-ġlieda kontra t-terroriżmu, tal-ġestjoni tal-fruntieri, u tal-awtoritajiet tal-immigrazzjoni u l-ażil, flimkien ma' sforzi kkoordinati għad-detezzjoni u l-prevenzjoni tal-infiltrazzjoni ta' individwi ta' pajjiżi terzi b'konnessjonijiet ma' organizzazzjonijiet terroristiċi fl-istadji l-aktar bikrija tad-dħul fl-Unjoni.
33. L-użu ta' projbizzjonijiet fuq id-dħul kontra nazzjonali ta' pajjiżi terzi li jirrappreżentaw theddida terroristika u d-dħul ta' data dwar dawn l-individwi fis-SIS, huwa għodda kruċjali għall-prevenzjoni tad-dħul ta' ġellieda terroristi barranin fl-Ewropa. Madankollu, l-oqfsa legali u istituzzjonali nazzjonali dwar il-ħruġ ta' projbizzjonijiet fuq id-dħul ivarjaw bejn l-Istati Membri. Għaldaqstant, dan jista' jgħodq sfida fir-rigward tal-ħruġ u r-reġistrazzjoni fis-SIS ta' projbizzjonijiet fuq id-dħul għal individwi fejn ma jkun hemm l-ebda rabta jew relazzjoni diretta bejn dawk l-individwi u l-Istat Membru emittenti. Dan għandu jiġi indirizzat b'mod partikolari billi jingħata segwitu għall-Konklużjonijiet tal-Kunsill 9997/22 adottati fid-9 ta' Ġunju 2022.

34. Fejn ma jkunx possibbli li jiddaħħlu allerti għal rifjut ta' dħul u ta' soġġorn fis-SIS, il-possibbiltà li jiddaħħlu allerti għal verifiki diskreti, verifiki ta' investigazzjoni jew verifiki speċifiċi, skont l-Artikolu 36 tar-Regolament SIS (2018/1862) għandha tiġi kkunsidrata skont l-ispeċifiċitajiet ta' kull każ. L-allert ta' informazzjoni li għandu jiddaħħal fl-interess tal-Unjoni, ladarba jiġi implimentat, ser ikun strument addizzjonali biex ikopri każijiet fejn nazzjonal ta' pajjiż terz ikun ta' theddida għall-UE, iżda mhux neċessarjament għal Stat Membru speċifiku.
35. Huwa importanti wkoll li jiżdiedu l-isforzi biex jiġu identifikati x-xejriet tal-ivvjaġġar u l-konnessjonijiet ta' individwi involuti fit-terroriżmu jew f'attivitajiet relatati mat-terroriżmu.
36. B'kunsiderazzjoni xierqa għad-drittijiet fundamentali individwali, il-progress li sar fit-trawwim tal-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet tal-immigrazzjoni u l-ażil u l-awtoritajiet tal-għieda kontra t-terroriżmu, b'mod partikolari permezz tal-istabbiliment ta' network ta' punti ta' kuntatt u l-parteċipazzjoni volontarja fih, ser jiffaċilita l-kooperazzjoni u l-iskambju ta' informazzjoni. L-implimentazzjoni tas-sistema ta' Dħul/Ħruġ (EES), is-Sistema Ewropea ta' Informazzjoni u ta' Awtorizzazzjoni għall-Ivvjaġġar (ETIAS) u l-interoperabbiltà tal-bażijiet ta' data Ewropej huma importanti f'dan il-kuntest.
37. Huwa kruċjali li tissaħħaħ il-kooperazzjoni mal-pajjiżi ta' tranżitu u l-pajjiżi ta' orijini biex jiġi ffaċilitat l-iskambju ta' informazzjoni dwar persuni li jippreżentaw riskju terroristiku, kif ukoll ir-ritorn effiċjenti ta' tali individwi. F'dan ir-rigward, il-kooperazzjoni dwar id-dimensjoni esterna tal-migrazzjoni u l-użu tal-istrumenti kollha disponibbli biex jiġu intensifikati u msaħħa r-relazzjonijiet ma' pajjiżi terzi b'mod partikolari permezz ta' sħubijiet ta' benefiċċju reċiproku huma ta' importanza ewlenija.
38. Huwa importanti li jintużaw ir-riżultati tal-prijorità tal-EMPACT dwar in-Networks Kriminali ta' Riskju Għoli (HCRN), l-eżerċizzju ta' mmappjar tal-HRCN tal-Europol dwar in-networks kriminali li huma l-aktar ta' theddid u l-intelligence strateġika pprovduta mill-INTCEN biex jissaħħaħ il-fehim tar-rabta possibbli bejn il-gruppi tal-kriminalità organizzata u l-organizzazzjonijiet terroristiċi u biex jiġu sfrattati l-konnessjonijiet kriminali potenzjali.

F'dan il-kuntest, il-KUNSILL jistieden lill-ISTATI MEMBRI:

39. ikomplu jdaħħlu allerti bbażati fuq deċiżjonijiet ta' ritorn fis-SIS; jiżguraw l-użu xieraq tal-allert tas-SIS dwar id-deċiżjoni ta' ritorn dwar nazzjonal ta' pajjiż terz - filwaqt li jindikaw jekk il-persuna toħloqx theddida għall-politika pubblika, għas-sigurtà pubblika jew għas-sigurtà nazzjonali. L-Istati Membri huma mitluba wkoll jallinjaw aktar l-użu ta' tali "marki ta' sigurtà" (skont it-tifsira tal-Artikolu 4(1)(o) tar-Regolament SIS 2018/1860) matul il-proċedura ta' ritorn billi jikkondividu prattiki tajbin.
40. ikomplu joħorġu projbizzjonijiet nazzjonali fuq id-dħul lil nazzjonali ta' pajjiżi terzi li huma ta' theddida terroristika, f'konformità mal-liġi nazzjonali tagħhom, u jestendu dawn il-miżuri għaż-żona Schengen skont l-Artikolu 24 tar-Regolament SIS 2018/1861. Huwa mfakkar li dejjem jitqies proporzjonat li jiddaħħlu allerti fis-SIS f'każijiet relatati ma' reati terroristiċi, b'mod partikolari jekk ikun hemm raġunijiet serji biex wieħed jemmen li nazzjonal ta' pajjiż terz ikun wettaq reat terroristiku, jew ikun hemm indikazzjonijiet ċari ta' intenzjoni li jitwettaq reat bħal dan fit-territorju ta' Stat Membru.

u jistieden lill-ISTATI MEMBRI u lill-KUMMISSJONI:

41. ikomplu jirriflettu dwar it-triq 'il quddiem biex jiġi ffaċilitat il-ħruġ ta' projbizzjonijiet fuq id-dħul kontra nazzjonali ta' pajjiżi terzi li jkun ta' theddida terroristika, inkluż f'każijiet fejn ma jkun hemm l-ebda rabta jew relazzjoni diretta bejn dawk l-individwi u l-Istat Membru emittenti.
42. jaħdmu għall-operazzjonalizzazzjoni tar-ritorn effettiv ta' persuni li huma ta' theddida għas-sigurtà billi jeżaminaw il-possibbiltà li jiġi ottimizzat il-qafas legali biex jippermetti proċess ta' ritorn rapidu għal nazzjonali ta' pajjiżi terzi b'soġġorn illegali fit-territorji tal-Istati Membri, speċjalment meta jiġu identifikati bħala theddida għas-sigurtà, kif ukoll biex jaħdmu b'mod konġunt għat-tisħiħ tar-relazzjoni ma' pajjiżi terzi u pajjiżi ta' orijini prijoritizzati biex tiġi ffaċilitata t-tkeċċija ta' tali individwi;

iii) Il-ġlieda kontra t-terroriżmu u l-estremiżmu vjolenti online

43. L-isfera diġitali saret dejjem aktar tkattar ir-radikalizzazzjoni hekk kif l-organizzazzjonijiet terroristiċi u tal-estremisti vjolenti jisfruttaw il-pjattaformi online biex ixerrdu l-ideoloġiji tagħhom, jirreklutaw segwaċi, jiġbru jew jittrasferixxu fondi u jinċitaw il-vjolenza, inkluż permezz tal-użu tal-manipulazzjoni tal-informazzjoni, bil-messaġġi tagħhom immirati u jilhqqu udjenza dejjem ta' età iżgħar.
44. Il-ġlieda kontra t-terroriżmu u l-estremiżmu vjolenti online, kif ukoll ir-radikalizzazzjoni jeħtieġu approċċ ikkoordinat u multidimensjonali li jinvolti kooperazzjoni mill-qrib bejn il-gvernijiet, il-fornituri tas-servizzi online, is-soċjetà ċivili, u l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi u tal-ġlieda kontra t-terroriżmu. L-involviment attiv tal-Istati Membri huwa kruċjali biex tissaħħaħ din il-ħidma.
45. Il-kooperazzjoni mal-fornituri tas-servizzi online għandha tiġi intensifikata biex tiġi indirizzata l-proliferazzjoni ta' kontenut terroristiku u estremist vjolenti u biex dawn il-fornituri jiġu mħeġġa jimmitigaw it-tixrid u l-amplifikazzjoni algoritmika ta' kontenut dannuż iżda legali li jqanqal polarizzazzjoni soċjali jew miżinformazzjoni li tista' twassal għal terroriżmu u estremiżmu vjolenti. Il-ħidma fil-Forum tal-UE dwar l-Internet hija siewja u jeħtieġ li tkompli tinvolvi lill-pjattaformi online fil-prevenzjoni u l-ġlieda kontra t-tixrid ta' tali kontenut.
46. Bl-adozzjoni tar-Regolament dwar l-indirizzar tad-disseminazzjoni ta' kontenut terroristiku online (ir-Regolament TCO) u l-Att dwar is-Servizzi Diġitali (DSA), sar progress sinifikanti biex il-fornituri tas-servizzi diġitali jinżammu responsabbli għall-kontenut illegali fuq il-pjattaformi tagħhom. Dawn ir-Regolamenti għandhom jiġu implimentati bis-sħiħ mingħajr dewmien u infurzati b'mod strett. Hemm ukoll ħtieġa urġenti li jiġu indirizzati l-isfidi ppreżentati mill-fornituri ta' servizzi diġitali li ma jikkooperawx.
47. Il-pjattaforma online dedikata tal-Europol (PERCI) li tappoġġa l-ħruġ u t-trażmissjoni ta' ordnijiet ta' tneħħija u indikazzjoni hija pass importanti lejn l-implimentazzjoni effiċjenti tagħhom. Il-Europol ikkontribwiet ukoll b'mod sinifikanti, b'mod partikolari permezz tal-ħidma tal-Unità ta' Indikazzjoni ta' Kontenut fuq l-Internet (IRU) tagħha u l-organizzazzjoni ta' jiem ta' azzjoni ta' indikazzjoni mmirati lejn l-indirizzar tal-kontenut terroristiku online. Il-Europol għandha tkompli b'dawn l-isforzi.

48. Huwa importanti li l-Istati Membri jkunu involuti b'mod attiv fit-tfassil tal-attivitajiet taċ-Ċentru ta' Għarfien tal-UE dwar il-Prevenzjoni tar-Radikalizzazzjoni li tnieda dan l-aħħar. Dan ser jgħin biex jiġi żgurat li l-programm ta' ħidma tiegħu jallinja mal-ħtiġijiet tal-Istati Membri, ta' dawk li jfasslu l-politika u tal-prattikanti, u li l-output tiegħu jkun aċċessibbli b'mod wiesa' u jħalli impatt kemm fost dawk li jfasslu l-politika kif ukoll fost il-prattikanti.

F'dan il-kuntest, il-KUNSILL jistieden lill-ISTATI MEMBRI:

49. ikompli bl-isforzi biex jissaħħaħ il-fehim kondiviż tal-attivitajiet ta' propaganda terroristika u l-impatt tagħhom fuq ir-radikalizzazzjoni u l-polarizzazzjoni soċjali li jwasslu għat-terroriżmu u l-estremiżmu vjolenti, b'enfasi partikolari fuq l-impatt ta' tali aktivitajiet ta' propaganda fuq il-minorenni u r-rwol tas-saħħa mentali fil-proċess tar-radikalizzazzjoni. L-appoġġ tal-Kummissjoni u tal-aġenziji rilevanti kif ukoll il-kollaborazzjoni mal-fornituri tas-servizzi online, is-soċjetà ċivili, u partijiet ikkonċernati oħra, kif xieraq, huma importanti fil-kuntest ta' din il-ħidma.

u jistieden lill-KUMMISSJONI:

50. tkompli tippromwovi l-kondiviżjoni tal-aħjar Prattiki relatati mal-applikazzjoni tar-Regolament TCO, kif ukoll teżamina u tindirizza l-lakuni potenzjali fil-qafas regolatorju u kif l-aħjar tiġi allinjata l-implimentazzjoni tar-Regolament TCO u d-DSA meta jiġi evalwat ir-Regolament TCO, filwaqt li jijtqiesu l-ħtiġijiet operazzjonali tal-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi u tal-ġlieda kontra t-terroriżmu.
51. tiegħu passi biex tindirizza l-isfidi ppreżentati minn pjattaformi online li ma jikkonformawx billi tinforza b'mod strett l-Att dwar is-Servizzi Diġitali fil-każ ta' pjattaformi online kbar ħafna u billi tkompli tikkoopera mal-pjattaformi u tagħti importanza politika adegwata lil tali kooperazzjoni, inkluż fil-kuntest tal-Forum tal-UE dwar l-Internet.